

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għas-Sajd*

**2007/2148(INI)**

23.11.2007

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali  
(2007/2148(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pedro Guerreiro

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jiddeplora n-nuqqas ta' informazzjoni u ta' evalwazzjoni speċifika rigward is-settur tas-sajd u l-istrument finanzjarju ta' orjentazzjoni għas-sajd ta' l-FIFG fir-raba' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE;
2. Jinsisti fuq l-importanza tal-politika komuni tas-sajd (CFP) għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjoekonomika tal-Komunitajiet kostali, ta' l-iżvilupp lokali u tat-tradizzjonijiet kulturali;
3. Jenfasizza li f'dawn l-aħħar għaxar snin is-settur tas-sajd ġie affettwat minn tnaqqis fin-numru ta' impjegi (35%), ta' bastimenti (20%) u ta' qabdiet (28%), effetti li kellhom konsegwenzi soċjoekonomiċi gravi fir-reġjuni u fil-komunitajiet żvantaġġati;
4. Ifakkar li wara t-tkabbir riċenti ta' l-UE, ċertu reġjuni ta' l-oġettiv 1, ikkaratterizzati minn attività importanti fis-settur tas-sajd, kienu inġustament penalizzati mill-"effett statistiku", filwaqt li l-problemi strutturali gravi li qed jiġġieldu magħhom ma ġewx solvuti u d-differenzi eżistenti għadhom jidhru;
5. Jitlob biex immedjatament il-politika strutturali ta' l-UE għas-settur tas-sajd tippromwovi b'mod effettiv il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur, iż-żamma ta' l-impjegi, id-dħul ekwitu u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tas-sajjieda;
6. Jiddispijaċih li l-krediti tal-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), f'Unjoni ta' 27, mhumiex sostanzjalment differenti mill-baġit għall-FIFG f'UE ta' 15, u jikkunsidra li l-finanzjament ta' l-EFF għandu jiġi msaħħaħ;
7. Iqis li l-eżistenza tal-politika komuni tas-sajd (CFP) teħtieġ l-attribuzzjoni ta' riżorsi finanzjarji konsistenti u adattati għas-settur tas-sajd fil-livell Komunitarju, speċjalment għas-sajd żgħir kostali u artiġjanali, b'mod li jiġu trattati b'mod effettiv il-bżonnijiet u l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tas-sajd;
8. Jenfasizza l-kontribuzzjoni indispensabbli tas-settur tas-sajd għall-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Komunitajiet tas-sajjieda fir-reġjuni tal-konverġenza u r-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi ġeografiċi jew naturali permanenti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, iżda wkoll il-komunitajiet ta' sajjieda foqra fir-reġjuni sinjuri;
9. Jiddeplora l-persistenza, kif ukoll l-amplifikazzjoni, tan-nuqqas ta' simetriji reġjonali u tad-differenzi ekonomiċi u soċjali kemm bejn l-Istati Membri differenti kif ukoll f'kull wieħed minnhom; jenfasizza li ċerti Stati Membri u ċerti reġjuni attwalment qegħdin f'qagħda ta' diverġenza fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
10. Iqis li l-politika ta' koeżjoni tikkostitwixxi strument essenzjali biex jiġi promoss it-tnaqqis tan-nuqqas ta' simetrija reġjonali u tan-nuqqas ta' ugwajjanzi soċjali, biex tiġi ffaċilitata l-

konverġenza reali u biex jiġu stimolati t-tkabbir u l-impjieg, filwaqt li fl-istess ħin ikun possibbli wkoll li jitqassmu mill-ġdid jew jiġu kkompensati l-ispejjeż tas-suq intern, speċjalment għar-reġjuni inqas żviluppati; iqis għalhekk li jkun xieraq li jissaħħaħ il-finanzjament komunitarju ta' din il-politika u li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba tagħha;

11. Jirrifjuta kull tentattiv li jiġu introdotti kundizzjonijiet ġodda - bħalma huma kriterji ta' żvilupp politiċi-ekonomiċi - fir-rigward ta' l-għoti ta' mezzi finanzjarji fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni, tant li jkompli jiġi limitat l-aċċess għal din il-politika, b'mod partikulari fil-każ tar-reġjuni ta' konverġenza; iqis li l-prodott gross domestiku per capita kien użat bħala indikatur bażiku ta' l-eliġibilità għall-politika ta' koeżjoni ta' l-UE;
12. Fil-perspettiva tal-ħolqien fil-futur ta' "politika marittima" ta' l-UE, jenfasizza l-prinċipju li għandu prijoritajiet ġodda li għandhom jikkorrispondu ma' mezzi finanzjarji ġodda iktar importanti, u li għalhekk l-EFF ma għandux ikun preġudikat.

## PROĊEDURA

<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	22.11.2007
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alfonso Andria, Stavros Arnautakis, Elspeth Attwooll, Iles Braghetto, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Ioannis Gklavakis, Alfred Gomolka, Pedro Guerreiro, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, James Nicholson, Willi Piecyk, Struan Stevenson, Catherine Stihler, Margie Sudre, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Cornelis Visser
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ole Christensen, Josu Ortuondo Larrea, Carl Schlyter
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali Íñigo Méndez de Vigo</b>	Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf